MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 18/2013

**Helen Agius**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tas-16 ta' Ottubru 2013, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkonsidra*

*Illi l-appellanti ġiet informata li kienet ser tibda titħallas il-pensjoni tal-invalidita b'effett mis-17 ta' Frar 2012.*

*Illi ġie interpost appell b'ittra datata 1 ta' Novembru 2012.*

*Id-dipartiment irrisponda b'ittra datata 12 ta' April 2013.*

*Illi oriġinarjament, l-appellanti kienet titħallas din il-pensjoni b'effett mill-10 ta' Marzu 2007. Ġiet imwaqqfa fil-11 ta' Frar 2011 peress li l-Bord Mediku ma sabx raġunijiet validi għat-talba tal-appellanti.*

*Matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell tagħha minn dik id-deċiżjoni, ġie innotat fl-1 ta' Ġunju 2012 li kienet qed tbati minn malann differenti. L-appell ġie ċedut, saret applikazzjoni oħra fit-28 ta' Ġunju 2012. Jirriżulta minn MRI u kkonfermat mill-Bord Mediku li l-appellanti kienet intitolata għal din il-pensjoni. Għalkemm applikat fit-28 ta' Ġunju 2012 ingħatat il-pensjoni u kura b'effett mis-17 ta' Frar 2012 data tal-MRI.*

*Qed tippretendi f'dan l-appell li d-dipartiment imur lura għall-20 ta' Frar 2011 datat ta' meta ġie imwaqqaf il-benefiċċju oriġinarjament.*

*Il-benefiċċju huwa dovut mid-data tal-applikazzjoni. Id-dipartiment diġa mar oltre l-inkarigu u ħallas b'mod arestat għas-17 ta' Frar 2013. Jista jiġi ikkontestat dan ma setax jagħmlu multo maġis imur lura dawk is-snin kif qed inġustament titlob l-appellanti.*

*l-appell qed jiġi miċħud".*

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti probatorji huma s-segwenti:

L-appellanti kienet tipperċepixxi pensjoni tal-invalidita b'effett mill-10 ta' Marzu 2007. Din il-pensjoni ġiet imwaqqfa lilha fi Frar 2011 wara li l-Bord Mediku ma sabx raġunijiet biżejjed li jwaqqfu lill-appellanti milli terġa tidħol lura għax-xogħol.

Illi l-appellanti appellat minn din id-deċiżjoni u matul is-smiegħ tal-appell quddiem l-Arbitru, hija semmiet kondizzjonijiet oħra li ma kienux imniżżla fl-applikazzjoni oriġinali tagħha u għalhekk l-appell ġie irtirat sabiex hija tissottometti applikazzjoni ġdida.

Illi l-appellanti applikat mill-gdid fit-28 ta' Ġunju 2012 u flimkien ma' din l-applikazzjoni hija ippreżentat ukoll riżultat tal-ezami imsejjah Magnetic Resonance Imaging jew kif inhu maghruf l-MRI tal-*lumbar spine,* liema ezami sar fi Frar 2012. Sussegwentment ghal dawn ir-rizultati medici, il-Bord Mediku iddeċieda illi l-appellanti kienet eliġibbli għall-Pensjoni tal-Invalidita minhabba kundizzjoni fid-dahar. Id-Direttur u sussegwentament l-Arbitru imxew fuq din ir-rakkomandazzjoni tal-Bord Mediku, madankollu id-Direttur iddecieda lill-appellanti kellha tibda tippercepixxi l-pensjoni tal-invalidita sa' mid-data tal-ezami tal-MRI u ċioe minn Frar 2012, u ċioe qabel l-applikazzjoni innifisha ta' Ġunju 2012.

Illi l-appellanti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni għaliex sahhqet illi l-benefiċċju tal-Pensjoni tal-Invalidita kellu jingħata lilha b'effett minn meta twaqqfilha l-benefiċċju moghti lilha permezz ta'l-ewwel applikazzjoni, u ċioe mill-11 ta' Frar 2011, u mhux b'effett minn Frar 2012.

Il-mistoqsija li għandha tiddeċiedi din il-Qorti hija jekk l-appellanti għandhiex raġun titlob l-arretrati tal-pensjoni tal-invalidita mill-11 ta' Frar 2011, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż u ċioe li dawn l-arretrati jingħatawlha mid-data tal-MRI u ċioe minn Frar 2012, differenza ta' sena f'benefiċċju. Huwa fuq din l-premessa illi huwa imsejjes il-gravam ta'l-appellanti. Illi fir-rigward jigu senjalati dawn ir-rilevanzi processwali:-

Ma jirrizultax li d-Direttur naqas milli jezercita l-gudizzju tieghu fil-parametri tal-ligi. Dan wara debita konsultazzjoni mal-*panel* tat-tobba fit-termini tal-

proviso (a) ta' l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. *Panel* dan ta' tobba professjonisti kwalifikati u li kien tah il-parir li l-appellanti kienet tajba ghax-xoghol. Ma kien hemm xejn x' jindika fic-cirkostanzi fattwali illi l-evalwazzjoni maghmula mid-Direttur ma kenitx dik korretta gjaladarba din tirrikoncilja ruhha mal-parir lilu hekk moghti mill-Bord Mediku;

Kif diġa intqal aktar 'l fuq, l-appellanti reġgħet applikat għall-pensjoni tal-invalidita f'Ġunju 2012 u kellha l-opportunita` li tikkonvinci lil Bord Mediku bil-produzzjoni tar-riżultat ta'l-ezami tal-MRI maghmul fuq daharha . Għab-bażi tar-riżultat ta' dan l-ezami mediku ta' Frar 2012 li hija ipproduċiet mat-tieni applikazzjoni, il-Bord Mediku iddeċieda illi hija kienet eliġġibbli għall-pensjoni tal-Invalidita'. Imbagħad id-Direttur sejjes d-decizjoni tieghu fuq it-tieni parir lilu moghti mill-Bord Mediku.

Illi l-**<u>artikolu 106 (e)</u>** tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***"jekk it-talba hija għal pensjoni fir-rigward ta' invalidità, id-Direttur għandu, qabel ma jagħti d-deċiżjoni tiegħu u sakemm dik it-talba ma tkunx taqa' taħt kondizzjonijiet statutorji oħrajn, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba lil xi persuna waħda jew aktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika u li jkunu maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir dwar każijiet bħal dawk.";***

Jiġifieri jirrizulta mill-atti tal-kaz illi qabel ma ħa d-deċiżjoni fuq it-tieni applikazzjoni tal-appellanti dwar l-aspetti medici tat-talba, id-Direttur reġa ikkonsulta ruhu mal-Bord Mediku.

***"Huwa difficli ferm, una volta jkun determinat li d-Direttur mexa fedelment mad-dettam tal-ligi, illi taht dan l-aspett id-decizjoni tieghu titqies***

***irragonevoli jew azzardata. Anzi fil-hsieb ta' din il- Qorti kien ikun ferm pruzuntuz li kieku d-Direttur iddipartixxa bla raguni verament valida mill-konkluzjoni tal-Bord Mediku li minghandu ntalab il-parir.***

***Huwa minnu li l-Arbitru hu fakoltizzat bil-poter li jistharreg gudizzjarjament id-decizjoni tad-Direttur kif ukoll li, fi kliem is-subinciz (9) ta' l-Artikolu 108, il-gudizzju tieghu jigi motivat skond il-principji tal-gustizzja u ekwita`. Cionostante, dan il-gudizzju tieghu la seta' jkun wiehed legger u lanqas kapriccjuz. Huwa anzi kellu ghall-konvinzjoni tieghu jissodisfa ruhu illi d-Direttur fuq il-parir tal-Bord Mediku wasal ghal konkluzjoni gusta tal-qaghda medika ta' l-appellanti. Meta fl-ezercizzju tieghu l-Arbitru ma jsibx fl-aggravju lilu sottomess illi kienu jezistu xi elementi li gravament jiskossaw id-decizjoni tad-Direttur, huwa kellu jaccetta dik id-decizjoni fuq il-bazi ta' dik l-opinjoni medika."*** **Appell Civili Numru. 5/2004 Lucianne Cassar vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**

Jiġi osservat illi kien permezz tal-applikazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2012, illi l-appellanti ġabet a konjizzjoni tad-Dipartiment ir-riżultati medici godda. Jiġi osservat ukoll illi fost iċ-ċertifikati mediċi ippreżentati mill-appellanti, hemm żewġ ċertifikati datati 25 ta' Gunju 2012 u 11 ta' Gunju 2012 illi jagħmlu referenza għall-problemi tal-appellanti fil-perjodu ta' bejn Frar 2011 u ta' Frar 2012, li huwa l-perjodu li għalih l-appellanti qiegħda titlob l-arretrati. Pero jiġi osservat illi l-Bord Mediku ikkonkluda illi l-appellanti hija intitolata għall-pensjoni tal-invalidita proprju fuq dak ir-riżultat tal-MRI ta' Frar 2012 u dana wara l-kostatazzjoni medici maghmula minnu u li fuqhom strah id-Direttur. Illi l-Arbitru wasal ukoll ghall-istess decizjoni billi il-malann li irriżulta mill-MRI ta' Frar tal-2012, inġieb a konjizzjoni tad-Dipartiment fl-applikazzjoni ta' Ġunju 2012. Din ir-raġuni medika ghall-ghoti tal-benefiċċju ma tirriżultax fl-applikazzjoni preċedenti għal dik ta' Ġunju 2012.

Kull ma tista' taghmel din il-Qorti f' kazijiet ta' din ix-xorta hu dak li tara jekk l-Arbitru fl-ezercizzju tal-konsiderazzjonijiet tieghu segwiex id-dettami tal-gustizzja u ta' l-ekwita`. Huwa aktar minn ovvju illi l-Arbitru kien sodisfatt illi fid-deċiżjoni tiegħu kemm dwar l-ewwel applikazzjoni kif ukoll dwar it-tieni applikazzjoni tal-appellanti, id-Direttur ikkonsulta ruhu mal-panel mediku u mexa fuq ir-rakkomandazzjoni lilu maghmula, kif sussegwentament għamel l-Arbitru ukoll. Ġjaladarba id-decizjoni fuq it-tieni applikazzjoni mehuda mid-Direttur kienet ibbazata fuq il-parir tal-Bord Mediku, u ċioe illi l-appellanti kien ħaqqha tieħu l-benefiċċju għab-bażi tar-riżultat tal-ezami tal-MRI, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragonament u konkluzjoni ta' l-Arbitru. Ghaldaqstant ma ssibx li l-aggravju ta' l-appellanti huwa meritevoli ta' akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------